



2023/2181(DEC)

30.10.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta
Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għas-sena
finanzjarja 2022
(2023/2181(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet tal-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR ("l-Impriża Konġunta")) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jilqa' t-tranżizzjoni bla xkiel lejn l-Impriża Konġunta SESAR 3, li ilha operattiva mit-30 ta' Novembru 2021 u jirrikonoxxi l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi tagħha;
3. Jinnota li għall-2022, ir-rata ta' eżekuzzjoni kienet 87 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u 25 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jirrikonoxxi li l-eżekuzzjoni baxxa tal-pagamenti hija konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19, u jistenna l-għeluq tal-proġetti SESAR 2020 kollha sa tmiem l-2023;
4. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta kompliet tiġġestixxi 71 proġett fir-riċerka esploratorja, industrijali u ta' validazzjoni, bi 300 benefiċjarju differenti, li minnhom kważi 20 % huma SMEs, 17 % huma istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u 9 % huma organizzazzjonijiet tar-riċerka;
5. Jinnota d-dħul tas-SESAR 3 ta' EUR 143,47 miljun għall-2022, b'EUR 139,57 miljun mill-Unjoni, EUR 0,918 miljun mill-Eurocontrol u EUR 2,05 miljun minn Membri oħra;
6. Jinnota s-surplus tal-2022 ta' EUR 107,2 miljun, attribwit għall-adozzjoni tardiva tal-Att Bażiku Uniku;
7. Jisħaq fuq l-importanza tal-Impriża fil-kisba tal-Ajru Diġitali Ewropew; jenfasizza li l-adozzjoni tardiva ħafna tal-Att Bażiku Uniku kellha impatt fuq l-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija tal-ewwel Programm ta' Ħidma Annwali SESAR 3 u għalhekk fid-data meta setgħu jinbdew l-ewwel sejħiet;
8. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2022.